# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016**

**Talba Nru: 67/2015/VG**

**Donald u Marie Louise konjugi CINI**

**vs**

**Altlas Mamdouh, Mustafa Altlas u b'digriet tat-23 ta' Gunju, 2015 giet msejha fil-kawza Antoniella Abela**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-28 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom s-somma ta' elf u sitt mitt euro [€1,600] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Thalsu, bhala s-sewwieq u sid il-vettura Jeep DY568ZA lill-attur danni minnhom sofferti fl-incident stradali li sehh fil-15 ta' Ottubru 2014 f'Valletta Road, Mosta meta b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku wara habta ma vettura numru GGY-212 bqajtu diehlin fil-parapett tad-dar tal-

atturi u vettura taghhom KBA-121 li kienet fid-“drive in” tal-istess proprjeta.

Bl-ispejjez u l-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni”.

**Ra r-risposta ta’ l-intimati minnhom pprezentata fit-13 ta’ Mejju, 2015** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Illi l-kopja li rcieva l-konvenut hija illegibbli u f’dan l-istadju jikkontesta t-talba bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat fl-iter tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra”.

**Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawza Antoniella Abela minnha pprezentata fis-16 ta’ Lulju, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“1. Illi l-incident tat-traffiku li gara fil-15 ta’ Ottubru 2014 gewwa l-Mosta ma garax tort u htija ta’ l-esponenti, izda gara unikament tort u htija ta’ Mustafa Altlas, is-sewwieq tal-vettura DJ 568ZA billi dana hareg minn fuq “stop sign” b’mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghalhekk it-tabiet attrici fil-konfront ta’ l-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”.

Ra l-verbal tat-13 ta’ Mejju, 2015 fejn dehru l-intimati assistiti mill-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante li taw ruhhom b’notifikati bl-avviz tas-smiegh;

Ra l-verbal tat-23 ta' Gunju, 2015 fejn l-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante ghall-intimati prezenti ddikjarat li l-intimat Mamdouh Altlas huwa sid il-vettura DJ 568ZA filwaqt lil-intimat Mustafa Altlas kien qieghed isuq l-imsemmija vettura;

Ra l-verbal tal-24 ta' Mejju, 2015 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elf u sitt mitt euro [€1,600] rapprezentanti danni li huma sofrew meta nhar il-15 ta' Ottubru, 2014 filwaqt li l-intimat Mustafa Altlas kien qieghed isuq il-vettura tat-tip JEEP bil-pjanca ta' registrazzjoni DJ 568ZA, proprjeta ta' l-intimat l-iehor Mamdouh Altlas, huwa habat gol-vettura tat-tip FORD Fiesta bil-pjanca ta' registrazzjoni GGV-212 u li kienet misjuqa mill-kjamata fil-kawza Antoniella Abela gewwa Triq Valletta, Mosta bil-konsegwenza li minhabba dan l-impatt, l-imsemmija vettura tal-kjamata fil-kawza baqghet diehla fil-parapett tad-dar taghhom, ghamlet hsarat fil-bini u kif ukoll fil-vettura taghhom tat-tip ISUZU Gemini bil-pjanca ta' registrazzjoni KBA-121.

2. L-intimati fir-risposta taghhom stqarrew li l-kopja tat-Talba li rcevew kienet illegibbli u f'dak l-istadju ukoll ikkontestaw t-talba bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat fl-iter tal-kawza. Il-kjamata fil-kawza da parti taghha stqarret li t-tabiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li l-incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Ottubru

2014 gewwa l-Mosta ma garax tort u htija taghha, izda gara unikament tort u htija ta' l-intimat Mustafa Altlas, is-sewwieq tal-vettura DJ 568ZA billi dana hareg minn fuq *stop sign* b'mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ikkunsidra;

3. **Ir-rikorrenti** esebixxa sett ritratti, sitta (6) b'kollox, fejn jindika l-ammont ta' hsarat li garbet il-proprjeta tieghu bl-indirizz ta' Loudon, Valletta Road, Mosta u l-vettura ta' martu l-Isuzu Gemini bil-pjanca ta' registrazzjoni KBA-121. Dawn ir-ritratti jispjegaw b'mod sew kif spiccat il-vettura tal-kajmata fil-kawza wara l-incident de quo. Huwa qal li ma kienx ra l-incident isehh u li hareg jara x'gara wara li sema' l-hoss tal-habta tal-vettura mal-proprjeta tieghu. Fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal nhar is-6 ta' Novembru, 2015, ir-rikorrenti resqu nota ta' l-ispejjez li kienu mehtiega li jsiru sabiex tissewwa l-hsara li kienet sofriet il-proprjeta u l-vettura taghhom.

4. **Il-kjamata fil-kawza Antoniella Abela** qalet li fil-15 ta' Ottubru, 2014 mid-direzzjoni tan-Naxxar fejn ir-roundabout ta' Kinds lejn il-Mosta. Hija qalet li x'hin waslet vicin it-tarf tal-ground tal-football li hemm fil-genb ta' din it-triq, hija rat lill-intimat hiereg mit-triq li hemm fil-genb tieghu. Stqarret li "*biex ma jolqotniex jiena gbidt il-barra lejn is-central strip izda l-intimati baqghu hergin, laqtu n-naha tax-xellug tal-vettura cioe n-naha tal-passigier, dawruni bil-karozza tieghi u bqajt diehla fil-parapett tar-rikorrenti*" (fol. 40). Qalet li x'hin hargu l-intimati mill-vettura misjuqa minnhom, huma qalulha "*skuzawna ma rajnikx*" (fol. 40).

5. **L-intimat Mustafa Altlas** xehed u qal li dak-in-nhar li sehh l-incident huwa kien qieghed isuq vettura tat-tip JEEP. Huwa kien wahdu meta sehh l-incident. Kompla jghid li huwa kien ser johrog fit-triq principali mit-triq tal-genb. L-intimat esebixxa tlett ritratti tal-post fejn sehh l-incident u dan sabiex juri li kwazi fejn jispicca l-*ground* tal-*football* hemm sigra. Qal li

minhabba din is-sigra huwa ma kellhux vizwali tajba tat-triq u allura bilfors kellhu johrog xi ftit got-triq principali sabiex ikollu vizwali tal-vetturi li kienu gejjin fit-triq principali u cioe f'Valletta Road. Dwar il-kjamata fil-kawza huwa qal li din kienet "*qeghda ssuq hafna*" (fol. 59). Meta huwa invada t-triq principali bi ftit biex jara l-vetturi li kienu gejjin, huwa kien wieqaf. Qal li l-kjamata fil-kawza "*laqtet il-bumper tieghi minn quddiem, bdiet iddur bil-karozza u dahlet gol-parapett tar-rikorrenti*" (fol. 59). Huwa qal li mad-daqqa l-vettura misjuqa minnu baqghet fejn kienet. In kontro-ezami huwa qal li meta sehh l-incident huwa kien wieqaf. Kompla jghid li l-hsara fuq il-vettura tal-kjamata fil-kawza kienet fuq il-genb taghha u dan peress li kienet hi li misset il-vettura ta' l-intimat. Huwa qabel mal-fatt li mit-triq min fejn kien hiereg huwa kien hemm *stop sign*. Mistoqsi kemm kien hareg fit-triq principali, l-intimat qal li jekk kien hareg metru. L-intimat cahad dak li qal ix-xufier tal-vettura li kienet qeghda tinstaq wara tal-kjamata fil-kawza u cioe li huwa (l-intimat) kien skuza ruhhu mal-kjamata fil-kawza peress li dan ma kienx raha. L-intimat stqarr ukoll li dak iz-zmien li huwa kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni "*ma kontx licenzjat biex insuq*" (fol. 60). Zied ighid ukoll li l-vettura li kienet qeghda tinstaq minnu kienet tappartjeni lill-huh, l-intimat l-iehor Mamdouh Altlas.

6. **L-intimat Mamdouh Altlas** xehed u qal li huwa ma kienx prezenti meta sehh l-incident. Qal pero li wara li kien sehh l-incident, kien cempillu huh, l-intimat l-iehor Mustafa Altlas u kien qallu li kien hemm karozza li laqtitu gewwa l-Mosta. Wara din it-telefonata huwa mar fuq il-post ta' l-incident. Mistoqsi xi hsarat garbet il-vettura proprjeta tieghu huwa qal li din kull ma kellha kien grif peress li l-*bumper* kien tal-*plastic*.

***7.*** **Peter Aquilina** li kkonferma bil-gurament tieghu dak li kien qal lil pulizija *a tempo vergine* ta' l-incident. F'dan ir-rigward huwa ikkonferma li huwa kien qieghed isuq wara l-vettura misjuqa mill-kjamata fil-kawza u li din kienet qeghda issuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Qal li huwa ra l-vettura tat-tip JEEP misjuqa mill-intimat fit-triq li hemm fil-genb tal-*ground* tal-*football* u li "*kif hi kienet quddiemu hareg u habat go fiha fuq il-genb ta' wara, hi*

*daret bid-daqqa u baqghet tiela fuq il-bankina u dahlet gol-hajt*" (fol. 74). Huwa stqarr li l-kjamata fil-kawza kienet qeghda "*issuq bil-mod, speed normali*" (fol. 74). Qal li huwa kien semgha lill-intimat jghid lill-kjamata fil-kawza "*skuzani ma rajtekx*" (fol. 74). Zied ighid li s-sewwieq tal-JEEP baqa hiereg normali ghal got-triq principali minghajr ma waqaf u minkejja li kien hemm *stop sign*. Huwa qal li lill-kjamata fil-kawza ma jafhiex. In kontro-ezami huwa qabel mal-fatt li fil-genb tat-triq fejn jispicca l-*ground* tal-*football* hemm sigra li tigi fuq in-naha tal-lemin ta' min ikun hiereg min din it-triq sekondarja ghal got-triq principali. Huwa qal li minkejja li kien hemm din is-sigra u sigar ohra fuq dik il-parti tat-triq, huwa xorta seta jara ezatt x'kien qieghed jigri peress li fil-kantuniera "*hemm qisu angolu ta' madwar metru jew zewg metri li jiena stajt nara car dak illi kien qieghed jigri*" (fol. 75). Qal li huwa kien madwar hamsin metru wara l-vettura Jeep. Hawn it-Tribunal jifhem li x-xhud ried jghid il-vettura tal-kjamata fil-kawza l-ghaliex hekk qal fir-rapport tal-pulizija (fol. 31). Wara li sehh dan l-incident, huwa waqaf biex jaghti l-ewwel ghajnuna lill-kjamata fil-kawza. Huwa qal li jekk jiftakar sew kien hemm xi zewg jew tlett tfajliet mas-sewwieq tal-JEEP liema sewwieq huwa ma kienx kellmu. In kontro-ezami huwa qal li s-sewwieq tal-vettura JEEP laqghat lill-vettura tal-kjamata fil-kawza fuq wara bil-konsegwenza li din daret u baqghet diehla fil-parapett proprjeta tar-rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Mill-provi prodotti, u mid-deposizzjoni tax-xhieda irrizulta li nhar il-15 ta' Ottubru, 2014 waqt li l-intimat Mustafa Altlas kien qieghed isuq vettura tat-tip JEEP bil-pjanca ta' registrazzjoni DJ 568ZA, proprjeta ta' l-intimat l-iehor Mamdouh Altlas, huwa habat gol-vettura tat-tip FORD Fiesta bil-pjanca ta' registrazzjoni GGV-212. Din l-ahhar vettura kienet misjuqa mill-kjamata fil-kawza Antoniella Abela gewwa Triq Valletta, Mosta. B'konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura misjuqa mill-kjamata fil-kawza baqghet diehla fil-parapett tad-dar tar-rikorrenti u ghamlitilhom hsarat

ingenti fil-bini u kif ukoll fil-vettura taghhom tat-tip ISUZU Gemini bil-pjanca ta' registrazzjoni KBA-121.

9. Ir-rikorrenti da parti taghhom resqu nota bid-dokumenti ndikanti l-ammont ta' hsarat sofferti minnhom, liema ammonti baqghu qatt ma gew ikkontestati u ghalhekk, in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni, u anke in vista ta' dak li Joseph Cassar ta' Montaldo Insurance fl-*email* tieghu datata 31 ta' Ottubru, 2014 lir-rikorrenti, it-Tribunal sejjer jadotta.

10. Ghar-rigward tad-dinaminka ta' l-incident, t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda indipendenti moghtija minn Peter Aquilina li kien qieghed isuq madwar hamsin metru wara l-vettura tal-kjamata fil-kawza. Huwa qal li s-sewwieq tal-JEEP ma waqafx fuq l-istop sign, anzi qal li "*fejn l-istop sign is-sewwieq tal-JEEP baqa ghaddej ma waqafx. Hu cioe s-sewwieq tal-JEEP baqa hiereg normali minghajr ma waqaf jigifieri baqa hiereg minn got-triq sekondarja ghal got-triq principali*" (fol. 74). Id-dinamika ta' l-incident ukoll tindika li din il-verzjoni hija l-aktar wahda korretta. It-Tribunal ma huwiex tal-fehma li l-kjamata fil-kawza kienet ghaddejja b'xi velocita qawwija kif jallega l-intimat Mustafa Altlas anke l-ghaliex kieku dan kien minnu, l-incident kien ikun ferm aktar gravi. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-hsarat sofferti mir-rikorrenti sehhew unikament tort ta' l-intimat Mustafa Altlas u n-nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan tieghu. Ma tresqu l-ebda provi biex juru lit-Tribunal li sewqan tal-kjamata fil-kawza kien b'xi mod mhux konformi mar-regolamenti tas-sewqan u ghalhekk ma jsib l-ebda htija fir-rigward taghha.

11. Ghar-rigward ta' l-intimat Mamdouh Altlas, sid il-vettura misjuqa mill-intimat l-iehor Mustafa Altlas, it-Tribunal ra li din il-vettura ma setatx tintuza mill-intimat Mustafa Altlas peress li l-polza ta' l-assikurazzjoni mizmuma ma' Montaldo Insurance kienet intemmet fil-31 ta' Marzu, 2015 u li ghalhekk huwa ma messu qatt ippermetta li huh juza din il-vettura. Ghalhekk, huwa ghandu jwiegeb flimkien ma huh l-intimat ghal hsarat sofferti mir-rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Antoniella Abela, qieghed jichad l-eccezzjonijiet imqanqla mill-intimati Mamdouh Altlas u Mustafa Altlas u konsegwentement qieghed jikkundannahom sabiex ihallsu, in solidum bejniethom, lir-rikorrenti, s-somma ta' elf u sitt mitt euro [€1,600] bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna u cioe mit-28 ta' Jannar, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-kjamata fil-kawza, huma a kariku tal-intimati Mamdouh Altlas u Mustafa Altlas in solidum bejniethom.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**